SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan**

## Laqgħa Nru. 19/K8/16

Data: 19 ta' Awwissu 2016

Hin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsilliera
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoraci - Kunsillier
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana
L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

Skużati: (2) - Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula (Inc. 5174/2016) li ser jasal tard u email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 5211/2016) sabiex tiġi skużata għal-laqgħa ta' Awwissu 2016. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġu aċċettati t-talbiet tagħhom.

Assenti: (0)

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Diskussjoni dwar il-Ġbir ta' l-iskart.
6. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

**Minuti –*19/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 18/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward id-dar ta' l-anzjani jekk kienx hemm xi żvillup fir-rigward din il-materja iżda s'issa għad ma rċievejna l-ebda risposta. Kien issuġġerit li tintbagħat *reminder* pero minħabba li ma kienx hemm qbil, ġie ssuġġerit u kien hemm qbil li l-Kunsillier Martin John Sultana jkellem lill-individwi li kienu nvoluti sabiex ifakkarhom biex tittiehed l-azzjoni meħtieġa. Kien hemm ftehim ukoll biex tintbagħat ittra tad-deputati tad-distrett sabiex nitolbuhom jgħinuna biex jiċċaqalqu l-affarijiet.

2.02 Il-Viċi Sindku qajjem il-punt fir-rigward 3.13 fuq ic-*CCTV cameras*, is-Segretarju informa lill-Viċi Sindku li bħalissa hemm xi ntoppi.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.01 Saret sospenzjoni tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-ittra tas-Sur Lino Spiteri fir-rigward ir-rotta 110 ta' Trasport Pubbliku u jkun jista' jitkellem is-Sur Lino Spiteri li kien preżenti għal-laqgħa.

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li terġa tintbagħat ittra liċ-Ċermen ta' l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u kopja ta' din l-ittra lill-Ministru tat-Transport l-Onor. Joe Mizzi, kif ukoll lid-Deputati Parlamentari tad-distrett u tiġi ċċirkulatat lill-membri tal-Kunsill.

3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgha mas-Sur De Martino fir-rigward il-cameras li hemm fi Triq Ross u Xatt is-Sajjieda.

3.04 Iċ-Ċermen ta spjegazzjoni fir-rigward il-laqgħa li saret mas-Sur Silvio Scerri fir-rigward l-issues pendenti li kien hemm fosthom f'Paceville, fejn ħafna mill-affarijiet pendenti li kien hemm ġew aċċetati.

3.05 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula wasal fil-5.15p.m.

3.06 Ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lill-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Edward Zammit Lewis biex nirringrazzjawh tal-kordjalita' tiegħu waqt il-laqgħa li saret miegħu. Din għandha tintbagħat ukoll lic-CEO tal-Awtorita' tat-Turiżmu s-Sur Paul Bugeja.

3.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li għada ser ikun hemm skip f'Xatt is-Sajjieda fejn ser jitnaddfu l-kmamar tas-sajjieda.

3.08 Inġibdet l-attenzjoni li l-Public Convenience tal-Balluta qegħdin jagħlqu kmieni, għaldaqstant ġie deċiż li tinbagħat ittra lill-kuntrattur tal-Public Convenience sabiex din tibqa' miftuħa sa nofsillejl minħabba s-sajf.

3.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li rċieva talba mingħand Le Meridien fejn qed jitolbu li jitneħħew tmien *parking spaces*, fejn il-Kunsill qabel li jagħmel *concession* biex ikun hemm *un/loading space* n-naħa tal-Lukanda, li jitneħħew żewġ *parking spaces* sabiex ikun hemm aċċess aħjar għall-parkeġġ u li tiġi eliminata l-bankina li hemm bħalissa bejn id-daħliet tal-parkeġġ sabiex titwessa t-triq. Dan għandu jsir għas-spejjeż tal-Lukanda. Il-Kunsill kellu jitlob ukoll li l-parkeġġ jintilef mit-triq jingħata lir-residenti tal-akkwati fil-parkeġġ mingħajr ħlas.

3.10 Is-simenta li hemm bejn il-*pitch* ta' San Ġiljan u n-Neptunes qabel kien ġie ssuġġerit li f' din il-parti msemmija jsir taraġ. Fir-rigward din il-materja ser jiċċekkja eżatt is-Segretarju Eżekuttiv sabiex naraw x'kienu l-pjanijiet.

3.11 Ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lis-sid tal-binja l-ġdida li hemm fi Triq Patrick Brydone biex nipproponu li ssir skip fit-tarf tat-triq sabiex ikunu jistgħu jarmu l-iskart fih. Din l-iskip titbattal mill-Kunsill pero' l-ispejjez tagħha għandhom jitħallsu mis-sidien tal-blokka.

3.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li waqt il-Festa, t-Tigulio qiegħed jipromwovi li ser isir party kbir fid-Daħla tat-Tigulio. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lit-Tigulio sabiex ma jsirx dan il-party minħabba li dakinhar ser ikun hemm il-funzjonijiet tal-Festa. Din l-ittra għandha tiġi ċċirkulata lill-Kunsilliera kif ukoll lill-Kappillan Fr. Claude Portelli. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jappoġja u jipparteċipa fi stqarrija li kien qed jippromwovi l-Kappillan flimkien ma' għaqdiet tal-lokal.

3.13 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun qiegħed jimpjega persuna *full time* bir-*reduced hours*, is-Segretarju ta spjegazzjoni ta' kif saret il-proċedura fejn fl-ewwel batch ma intagħżel ħadd minħabba li ma kien hemm ħadd kwalifikat għal din il-kariga, kif ukoll f' batch 2 sar l-istess, filwaqt li f'batch 3 il-Kunsill irċieva erbgħa applikazzjonijiet filwaqt li saru l-interviews. Is-Segretarju ta spjegazzjoni li s-Sur Alfred Mangion għandu l-kwalifiki kollha mitluba. Għaldaqstant is-Segretarju issuġġerixxa li jintagħzel hu, wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni filwaqt li dan il-persuna ser ikun qiegħed jaħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 3947**

4.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Libico Summer School dwar xogħol ta' volontarjat. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

***Rif Nru. 4350***

4.03 Saret riferenza għall-email dwar il-konferenza tal-ECAD. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jitla' l-Kunsillier Adrian

Domenic Ellul biss minħabba li s-Sur Clayton Luke Mula ma jistax imur minħabba raġunijiet personali.

***Rif. Nru. 4625***

4.04 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Inizjattiva' ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill huwa interessat. Għaldaqstant il-Kunsillier Martin John Sultana ser jikkordina u jara l-postijiet li nistgħu napplikaw għalihom.

***Rif. Nru. 4655***

4.05 Saret riferenza għall-email mingħand il-MEUSAC dwar fondi Ewropej għal ġemelaġġi u network ta' bliet. Wara li l-Kunsill irreġistra n-numru tiegħu minħabba li hemm bżonn ta' PIC number tal-lokalita' l-oħra qbilna li napplikaw għas-sejħa ta' Marzu.

***Rif Nru. 4811***

4.06 Saret riferenza għall-email mingħand it-TCTC dwar ECDL Courses. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Segretarju ser jiċċekja fuqha.

4.07 ***Rif Nru. 4837***

Saret riferenza għall-email mingħand il-Parroċċa San Giljan. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li jikkontrubwixi s-somma ta' €250.00.

4.08 ***Rif Nru. 4841***

Saret riferenza għall-email b'talba għal *double yellow lines* u mwejjed u siġġijiet ħdejn il-Moku Cafe' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li joħroġ l-imwejjed u siġġijiet dment li qabel jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

4.09 ***Rif Nru. 5129***

Saret riferenza għall-email minghand is-Sur Mario Schembri fir-rigward attivita' skolasajf. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ser jagħti l-kontribjut tiegħu permess li jħallas is-servizz ta' clown. Din l-attivita' ser issir gewwa l-Ġnien Dun Anton Sciberras.

4.10 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li skond ir-regolamenti l-laqgħa tista' ddum sa tlett siegħat biss. Għaldaqstant il-laqgħa kellha tiġi sospiża u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2016 fl-4.00p.m.

4.11 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: 30 t'Awwissu 2016